MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 38/2014

**Joseph Bray (110439A) u Chiara Moroino (ID 110441A)**

**VS**

**Direttur Generali tal-Ministeru tal-Finanzi u permezz ta' digriet tal-21 ta' Lulju 2014 isem l-intimat gie korrett ghal "Ministru tal-Finanzi"**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Joseph Bray u Chiara Moroino pprezentat fis-7 ta' April 2014 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi dan ir-rikors qed jigi ntavolat wara decizjoni li ttiehdet mill-Ministeru tal-Finanzi datat l-20 ta' Marzu 2014, ai termini tal-Kap.368 u Kap.368.01 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront*

*tal-karrozza, proprjeta' tal-esponenti tal-ghamla VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni DBZ142 u li qabel kellha n-numru ta' registrazzjoni MA51OTM, proprjeta' tal-esponenti.*

*Illi l-applikazzjoni ghall-exemption order in kwistjoni giet rifjutata ghar-ragunijiet illi "....the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person has transferred his residence to Malta" (Dok A anness)*

*Illi l-esponenti kienu applikaw ghar-residenza hawn Malta lejn l-ahhar ta' Settembru 2013, wara li gew infurmati mid-Dipartiment tac-Cittaddinanza u tal-Expatriates illi setghu japplikaw billi jippustaw l-applikazzjoni taghhom u jigu notifikati bil-hrug tad-dokument ta' residenza.*

*Illi l-esponenti hekk ghamlu u fil-bidu ta' Jannar 2014, dawn rcevew ittra minghand id-Dipartiment imsemmi fejn gew infurmati illi d-dokumentazzjoni ta' residenza kienu lesti u li setghu jmorrughalihom mill-ufficini taghhom.Illi ghal kull bwon fini, qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B, l-ittra minghand id-Dipartiment li jindika wkoll b'mod car illi din l-ittra inbaghtet fis-6 ta' Jannar 2014.*

*Illi l-esponenti fil-frattemp kienu ppruvawjirregistraw il-vettura taghhom, izda l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma accettawx l-applikazzjoni taghhom ghaliex riedet bil-forstarad-dokument ta' residenza/karta' ta' identita' taghhom bhala prova li huma ttrasferewir-residenza taghhom ghal Malta, haga li l-esponenti ma kienux f'pozizzjoni li jaghtuh stante illi dan id-dokumentazzjoni gie f'idejhom f'Jannar tas-sena 2014 wara li gew notifikati kif fuq espost.*

*Illi wara li rcevew l-ittra msemmija (Dok B)gabru l-karti ta' residenza taghhom mid-Dipartiment, umarru direttament ghand l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u applikawghall-exemption order in kwistjoni, kif inhu fil-fatt indikat fid-dokument anness u mmarkat Dok C.*

*Illi flimkien ma' din l-applikazzjoni, l-esponenti kienu pprezentaw ukoll id-dokumenti kollha neccessarji biex jikkwalifikaw ghal dan l-exemption order u fil-fatt dawn gew accettati stante illi r-raguni ghaliex din l-applikazzjoni giet michuda kienet biss ghaliex il-Ministeru ddecieda illi l-esponenti ma applikawx ghall-exemption order fi zmien tlettin gurnata minn meta ttrasferew ir-residenza normali taghhom, haga li mhux minnu stante illi immedjatament wara li rcevew l-ittra minghand id-Dipartiment ta' Cittaddinanza u tal-Expatriates, marrujapplikaw direttament mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.*

*Illi l-esponenti rregistraw l-karrozza mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta,u gew infurmati illi m'ghandhomx ihallsu t-taxxxa ghar-registrazzjoni f'dan l-istadju u sakemm jinqata' l-appell, izdahallsud-dritt tal-licenzatac-cirkolazzjoni,kif ukoll il-€100 ghall-ipprocessar ghall-applikazzjoni tal-esenzjoni ai termini tal-artikoli 4(b) u 4(10) tal-Kapitolu 368.01 tal-Ligijiet ta' Malta, kollox kif jidher mid-dokumenti anness u mmarkati Dok D, Dok E u Dok F.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbubir-rispett lil dana l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi l-karrozza proprjeta' tal-esponenti hija ezenta mit-taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368, b'mod partikolari Kap. 368.01 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jirrevoka d-decizjoni li ttiehdet mill-Ministeru intimat fis-27 ta' Marzu 2013.*

2. *Jordna l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni tal-istess karrozza mertu tal-kawza, liema karrozza hija gja rregistrata kif fuq spjegat u kif jidher mid-dokumenti annessi."*

Ra r-risposta tad-Direttur Generali intimat ipprezentata fit-30 ta' April 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:-

"

(1) *ILLI* ***in linea preliminari****, ai termini tal-***Artikolu 181B tal-Kap 12. tal-Liġijiet ta' Malta*** *kellu jkun il-Ministru tal-Finanzi li jiġi imħarrek u mhux id-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Finanzi u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni;*

(2) *ILLI* ***in linea preliminari*** *qed jiġi eċċepit illi l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrent li wettqet l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta għaliex il-Ministeru tal-Finanzi huwa totalment distint mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta u għalhekk anqas hu edott mill-fatti tal-każ f'dak ir-rigward;*

(3) *ILLI* ***in linea preliminari*** *qed jiġi eċċepit in-nuqqas ta' locus standi u interess ġuridiku tar-rikorrenti Chiara Maroino f'dawn il-proċeduri stante li ma kienetx involuta fl-applikazzjoni oriġinali li dwara ingħatat id-deċiżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri. Ai termini tar-R****egolament 4 (11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 tal-Liġijiet ta' Malta*** *huwa biss l-applikant innifsu (u li fuq ismu hija reġistrata l-vettura) li għandu dritt t'appell permezz ta' dawn il-proċeduri;*

(4) *ILLI* ***fil-mertu u bla preġudizzju*** *għal dak fuq premess l-esponent jeċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex għall-kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom*

*biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponenti kif fil-fatt ser ikun muri u spjegat aħjar fil-mori u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

*(5) ILLI ai termini tar-**Regolament 4(3) (e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendat bl-Avviż Legali 440 of 2013**, sabiex ir-rikorrent seta' jikkwalifika għal eżenzjoni mill-ħlas ta' reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu, hu kellu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu fil-perjodu ta' **tletin ġurnata minn meta trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta**;*

*(6) ILLI minkejja li r-rikorrenti kellu d-dritt temporanju bħala turist ghall-perjodu ta' massimu ta' 7 xhur sabiex l-imsemmija vettura tista' tiġi użata f'Malta, mill-applikazzjoni tiegħu jirriżulta li **hu iddikjara li trasferixxa r-residenza permanenti tiegħu f'Malta fil-11 ta' Novembru 2013**, filwaqt illi **d-data ta' meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni hija l-14 ta' Jannar 2014** u dana skont ittra mibgħuta mit-Transport Malta lill-appellant liema ittra tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok C;***

*(7) ILLI jirriżulta mid-dokument tal-biljett tal-Virtu Ferries sottomess mal-applikazzjoni, li l-vettura tal-marka Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni MA51OTM daħlet f'Malta fid-9 ta' Awwissu 2013;*

*(8) ILLI **bla preġudizzju għal dak fuq premess** kull tip ta' allegazzjoniet li saru fir-rikors promotur dwar li kien hemm bżonn li jippreżentaw id-dokument ta' residenza jew karta tal-identita' tagħhom, huma **insinwazzjonijiet fiergħa u gratwiti** da parte tar-rikorrent, liema allegazzjonijiet qed jiġu kategorikament miċħuda;*

*(9) ILLI għalhekk fid-dawl tas-suespost, huwa ċar illi l-applikant ma laħaqx issottometta l-applikazzjoni tiegħu fiż-żmien rikjest espressament mil-liġi u għaldaqstant l-applikazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura ma setgħetx tintlaqa' mill-Ministeru intimat u fil-fatt ġiet ġustament miċħuda stante li ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2014 l-avukat difensur tar-rikorrenti talbet korrezzjoni fl-isem tal-intimat fis-sens li dan jigi jaqra "Ministru tal-Finanzi";

Ra illi d-difensur tal-intimat irrimettiet ruhha;

Ra illi dan it-Tribunal laqa' t-talba u ordna d-debita korrezzjoni;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Ministeru intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess zewg eccezzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti intavolaw dan ir-rikors peress li hassew rwiehhom aggravati bid-decizjoni tal-Ministru intimat li rrifjuta li johrog *exemption order* fuq il-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni DBZ142 gia` MA51OTM.

Illi permezz tat-**tieni eccezzjoni** tieghu il-Ministru intimat qieghed jeccepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dak li qed jigi allegat li wettqet l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghaliex huwa totalment distint mill-istess Awtorita`.

Illi mill-korp tar-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrenti applikaw ghal permess ta' residenza lejn l-ahhar ta' Settembru 2013. Jirrizulta wkoll illi huma gew notifikati li l-istess permess kien hareg ghall-bidu ta' Jannar 2014. Jghidu wkoll li fil-frattemp ippruvaw jirregistraw il-vettura *de quo* pero l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ma accettatx l-applikazzjoni taghhom ghaliex riedet prova ta' residenza permezz tad-dokument ta' residenza/karta ta' l-identita`. Finalment meta ottjenew l-istess dokument ta' residenza huma applikaw minnufih ghall-ezenzjoni.

Illi ghalhekk gara li r-rikorrenti ma applikawx entro t-**tletin gurnata** minn meta r-rikorrenti ttrasferew ir-residenza ordinarja taghhom hawn Malta u ingabet il-vettura hawn Malta, u dan kif rikjest mil-Ligi Sussidjarja 368.01. Madankollu, skond l-istess rikorrenti dan kien dovut ghall-fatt li kienu **zgwidati** mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta peress li insistiet li jrid ikollhom prova tar-residenza qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni taghhom.

Illi da parti tieghu il-Ministru intimat jishaq illi dak li ghamlet l-Awtorita` trid tirrispondi hi ghalih ghaliex il-Ministru huwa distint mill-istess Awtorita`.

Illi mit-trattazzjoni orali jirrizulta illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hija l-entita` governattiva li tilqa' ghandha l-applikazzjonijiet ghall-ezenzjoni tat-taxxa fuq vetturi migjuba Malta minn persuni li jkunu se jiehdu r-residenza permanenti taghhom f'Malta. Wara s-sottomissjoni tal-istess applikazzjoni l-istess Awtorita` titrasmetti l-istess lill-Ministeru tal-Finanzi ghall-kunsiderazzjoni u decizjoni finali tieghu.

Illi kwindi, naturalment, meta persuna tmur ghall-applikazzjoni ghand l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, *ammenoche*` ma tnizzilhiex minn fuq il-website tal-istess Awtorita`, jekk ikollha xi mistoqsijiet se tindirizzahom lill-ufficjali tal-istess Awtorita` li jidderigu lill-istess persuna dwar dak mistoqsi lilhom.

Illi pero jibqa' l-fatt li hu t-*Transfer of Residence Exemption Board* fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi li jrid jiehu decizjoni fuq dak li jigi sottomess u dikjarat mill-applikanti fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni. Minn dak sottomess fir-rikors promutur jirrizulta illi l-ilment principali tar-rikorrenti huwa li gew zgwidati mill-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u fuq din il-bazi qeghdin jitolbu r-revoka tad-decizjoni tal-Ministru intimat.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Ministru intimat ghandu ragun jeccepixxi li mhux il-legittimu kontradittur. Jekk sar xi nuqqas, dan certament ma sarx min-naha tal-Ministru intimat li meta gie biex jiehu d-decizjoni tieghu hadha abbazi tad-dikjarazzjonijiet u dokumenti pprezentati mill-istess applikant. Ir-rikorrenti, jekk ihossu li gew zgwidati dwar xi kriterju necessarju ghall-eligibilita` taghhom jista' jkun li ghandhom azzjonijiet ohra taht il-ligi ordinarja, pero dan it-Tribunal certament ma jistghax jannulla decizjoni li ttiehdet fil-parametri tad-dettami tal-ligi.

Kwindi, siccome` l-ilment tar-rikorrenti imur lil hinn mill-motivazzjonijiet li abbazi taghhom il-Ministru intimat ha d-decizjoni tieghu, it-Tribunal huwa tal-

fehma illi l-istess Ministru ghandu ragun fit-tieni eccezzjoni tieghu u qieghed jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghalkemm dan it-Tribunal se jillibera lill-Ministru intimat mill-osservanza tal-gudizzju, ihoss li xorta ghandu jinvesti t-**<u>tielet eccezzjoni</u>** tal-istess Ministru. Fit-trattazzjoni orali gie sottomess mid-difensur tar-rikorrenti illi r-rikorrenti Chiara Moroino hija mart ir-rikorrent l-iehor Joseph Bray, u siccome` l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni hija spiza tal-komunjoni tal-akkwisti, allura hija ghandha *locus standi* f'dawn il-proceduri.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament. Jirrizulta illi l-applikazzjoni saret mir-rikorrent Joseph Bray wahdu, illi d-decizjoni inghatat fil-konfront ta' Joseph Bray wahdu u kwindi huwa r-rikorrent Joseph Bray biss li ghandu *locus standi* f'dawn il-proceduri. Dan anke in konformita` ma' dak li tiddetta l-ligi u cioe Regolament 4 (11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01: *" Applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata minn meta d-decizjoni tkun giet pubblikata kif provdut fis-subregola (7)."*

Illi, in oltre, Artikolu 1322 (3) tal-Kodici Civili jelenka numru ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja fejn dawn iridu tassattivament jigu mwettqa miz-zewg konjugi. Il-kaz odjern, u cioe l-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ma taqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-istess artikolu u kwindi kull parti fiz-zwieg tista' tapplika ghall-ezenzjoni jew thallas it-taxxa tar-registrazzjoni wahedha, anke jekk din hija spiza ghall-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tisthoqq li tigi milqugha wkoll.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-tielet eccezzjoni tal-Ministru intimat u jiddikjara li Chiara Moroino m'ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri, filwaqt li qieghed jilqa' wkoll it-t-tieni eccezzjoni tal-istess Ministru u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------